Zejtun	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Porzjoni 4 tal-kejl ta' 317 m.k., mill-art Ta' Harrubiet;	Il-Gvern ta' Malta		2270/03
	The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Portion 4 covering an area of 317 s.m., of the land Ta' Harrubiet;	*The Government of Malta*		
Zejtun	L-art Tal-Gostra tal-kejl ta' 7,519 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2290/03
	The land Tal-Gostra covering an area of 7,519 s.m.;	*The Government of Malta*		
Zejtun	L-art Tal-Millieri 1, Porzjoni A u D, tal-kejl ta' 25,330 m.k.; l-art Ta' Debbus kontrada ta' San Niklaw, tal-kejl ta' 10,540 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2331 u 2341 ta' l-2003
	The land Tal-Millieri 1, Portion A and D, covering an area of 25,330 s.m.; the land Ta' Debbus district of San Niklaw, covering an area of 10,540 s.m.;	*The Government of Malta*		
Zejtun	L-art Tal-Hnejja tal-kejl ta' 5,015 m.k.; l-art Tal-Merilla tal-kejl ta' 5,774 m.k.; l-art Klawsura il-Habel wara Tal-Hniena tal-kejl ta' 4,929 m.k.; l-art Klawsura ta' Debbus fil-kontrada ta' San Niklaw tal-kejl ta' 2,031 m.k.; l-art Klawsura tal-Hamrija, Porzjoni 2A, tal-kejl ta' 4,726 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2355, 2356, 2372, 2373 u 2380 ta' l-2003
	The land Tal-Hnejja covering an area of 5,015 s.m.; the land Tal-Merilla covering an area of 5,774 s.m.; the land Klawsura il-Habel wara Tal-Hniena covering an area of 4,929 s.m.; the land Klawsura ta' Debbus in the district of San Niklaw covering an area of 2,031 s.m.; the land Klawsura tal-Hamrija, Portion 2A, covering an area of 4,726 s.m.;	*The Government of Malta*		
Zurrieq	L-art Il-Herba tal-Gawhar tal-kejl ta' 1,770 m.k.;	Il-Gvern ta' Malta		2262/03
	The land Il-Herba tal-Gawhar covering an area of 1,770 s.m.;	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Zurrieq	Id-dirett dominju temporanju u s-sussegwenti proprjeta' ta' Plot 3 mill-art Ta' Xaqqa, tal-kejl ta' 185 m.k.; *The temporary direct dominium and the full ownership thereafter of Plot 3 of the land Ta' Xaqqa, covering an area of 185 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2272/03
Zurrieq	Plots 3, 4, 5 u 6, mill-art Ix-Xaghra tal-Gawhar, tal-kejl kumplessiv ta' 17,726 m.k.; *Plots 3, 4, 5 and 6, of the land Ix-Xaghra tal-Gawhar, together covering an area of 17,726 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2282, 2283 u 2284 ta' l-2003
Zurrieq	Bicca art tal-kejl ta' 30 m.k.; *A plot of land covering an area of 30 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2322/03
Zurrieq	Plot 1 mill-art Landar il-Gawhar, tal-kejl ta' 4,187 m.k.; *Plot 1of the land Landar il-Gawhar, covering an area of 4,187 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2368/03
Zurrieq	Plot 6 mill-art Tal-Bajjada, tal-kejl ta' 143k.; *Plot 6 of the land Tal-Bajjada, covering an area of 143 s.m.;*	Dwejra View Investments Ltd		241403

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Audrey Vassallo, LL.D.
Aġent Direttur, Reġistru ta' l-Artijiet

Is-26 ta' Awissu, 2003

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 11.30 p.m. (Summer hours).

Dott Audrey Vassallo, LL.D.
Acting Director, Land Registry

26th August, 2003

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF SEPTEMBER 2003

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
1	2 TB Tender Date	3	4	5 TB Issue of 91 days maturing 5 Dec 2002
8 **Public Holiday**	9 TB Tender Date	10	11	12 TB Issue of 182 days and 273 days maturing 12 March 2004 and 11 June 2004
15	16 TB Tender Date	17	18	19 TB Issue of 364 days maturing 17 September 2004
22	23 TB Tender Date	24	25	26 TB Issue of 91 days maturing 26 Dec 2002
29	30 TB Tender Date			

TB denotes Treasury Bills

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.

5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.

6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.

7. With regard to the tenure the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.

10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.

11. Only offers with a definite price will be considered.

12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

26th August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 79

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Awissu, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar il-Ħamis, it-28 ta' Awissu, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Parroċċa.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Awissu, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Parroċċa.

Is-26 ta' Awissu, 2003

POLICE NOTICE

No. 79

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Mellieħa

On Wednesday, 27th August, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Parroċċa and il-Pjazza tal-Parroċċa.

On Thursday, 28th August, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Parroċċa and il-Pjazza tal-Parroċċa.

On Friday, 29th August, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Parroċċa and il-Pjazza tal-Parroċċa.

On Saturday, 30th August, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Parroċċa and il-Pjazza tal-Parroċċa.

26th August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 80

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: P.P. Saydon, Pjazza r-Repubblika, il-Karmnu, San Bartolomew, il-Ħaddiema u Pjazza Mattia Preti.

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2003 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza r-Repubblika, P.P. Saydon, Pjazza Mattia Preti, Dun Ġużepp Zammit, Vjal il-

POLICE NOTICE

No. 80

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Sunday, 31st August, 2003, from 7.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: P.P. Saydon, Pjazza r-Repubblika, il-Karmnu, San Bartolomew, il-Ħaddiema and Pjazza Mattia Preti.

On Monday, 1st September, 2003, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Pjazza r-Repubblika, P.P. Saydon, Pjazza Mattia Preti, Dun Ġużepp Zammit, Vjal il-

Blue Grotto, l-Imqabba, Mons. P. P. Pullicino, Kan. V. Balzan, Napuljun, il-Qrendi, it-Tunnara, San Pietru, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, it-2 ta' Settembru, 2003 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, Bronja, Alexander, il-Karmnu, San Bartolomew, San David, is-Sajjieda, Santa Katerina, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, Mattia Preti, l-Inġiniera u l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Settembru, 2003, mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, San Martin, Matteolo Saliba, Marjano Gerada, il-Bronja, Sant'Andrija, San Pawl, Arthur Dimech, is-Sajjieda, it-23 ta' Lulju 1942, San Bartolomew, il-Ħaddiema, Mattia Preti u P.P. Saydon.

Nhar il-Ħamis, l-4 ta' Settembru, 2003 mit-8.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira u Pjazza r-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003 mit-8.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Ħal Millieri, Luret Cutajar, S.M. Zarb, Santa Katerina, l-Imqabba, Vjal il-Blue Grotto, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Carmelo Caruana, Mattia Preti, P.P. Saydon u Pjazza r-Repubblika.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Settembru, 2003 mill-10.30 a.m. sa nhar il-Ħadd, is-7 ta' Settembru, 2003, fis-1.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, Vincent Dimech, Matteolo Saliba, il-Bronja, Alexander, San Bartolomew, Santa Katerina, l-Imqabba, Vjal Blue Grotto, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, l-Inġiniera, il-Kbira, P.P. Saydon u Carmelo Caruana.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Settembru, 2003, mit-8.30 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Dun Ġużepp Zammit, Pjazza Mattia Preti, P.P. Saydon, Pjazza r-Repubblika, Pjazza Santa Marija, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, G.M. Callus, De Giovanni Inglott, Vjal ix-Xarolla, San Pawl, Fonzu Gauci, San Bartolomew, Alexander, il-Karmnu, il-Kbira u Franġisku Zahra.

L-Isla

Nhar il-Ħamis, l-4 ta' Settembru, 2003, mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-4 ta' Settembru, il-Vitorja, Pjazza l-Papa Benedettu, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, il-Miġja tal-Papa u l-Marina.

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003, mis-6.00 p.m. 'l quddiem mit-toroq li ġejjin: Papa Benedettu, il-Maċina, l-Oratorju, is-Sur, San Mikiel, il-Ponta, is-Sirena u x-Xatt tal-Marina.

Blue Grotto, l-Imqabba, Mons. P. P. Pullicino, Kan. V. Balzan, Napuljun, il-Qrendi, it-Tunnara, San Pietru, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Tuesday, 2nd September, 2003, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, Bronja, Alexander, il-Karmnu, San Bartolomew, San David, is-Sajjieda, Santa Katerina, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, Mattia Preti, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Wednesday, 3rd September, 2003, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, San Martin, Matteolo Saliba, Marjano Gerada, il-Bronja, Sant'Andrija, San Pawl, Arthur Dimech, is-Sajjieda, it-23 ta' Lulju 1942, San Bartolomew, il-Ħaddiema, Mattia Preti and P.P. Saydon.

On Thursday, 4th September, 2003, from 8.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Kbira and Pjazza r-Repubblika.

On Friday, 5th September, 2003, from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: Ħal Millieri, Luret Cutajar, S.M. Zarb, Santa Katerina, l-Imqabba, Vjal il-Blue Grotto, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Carmelo Caruana, Mattia Preti, P.P. Saydon and Pjazza r-Repubblika.

On Saturday, 6th September, 2003, from 10.30 a.m. to Sunday, 7th September, 2003 at 1.30 a.m. through the following streets: Pjazza r-Repubblika, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, Vincent Dimech, Matteolo Saliba, il-Bronja, Alexander, San Bartolomew, Santa Katerina, l-Imqabba, Vjal Blue Grotto, Santu Formosa, Stefano Zerafa, Dun Ġużepp Zammit, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, l-Inġiniera, il-Kbira, P.P. Saydon and Carmelo Caruana.

On Sunday, 7th September, 2003, from 8.30 a.m. to midnight through the following streets: Dun Ġużepp Zammit, Pjazza Mattia Preti, P.P. Saydon, Pjazza r-Repubblika, Pjazza Santa Marija, San Mikiel, Vjal l-Indipendenza, G.M. Callus, De Giovanni Inglott, Vjal ix-Xarolla, San Pawl, Fonzu Gauci, San Bartolomew, Alexander, il-Karmnu, il-Kbira and Franġisku Zahra.

Senglea

On Thursday, 4th September, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza l-4 ta' Settembru, il-Vitorja, Pjazza l-Papa Benedettu, il-Ħabs l-Antik, San Ġużepp, il-Miġja tal-Papa and il-Marina.

On Friday, 5th September, 2003 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Papa Benedettu, il-Maċina, l-Oratorju, is-Sur, San Mikiel, il-Ponta, is-Sirena and Marina Wharf.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Settembru, 2003, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-4 ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Pjazza l-Papa Benedettu, Pjazza Mitrovich, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra u l-Vitorja.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Settembru, 2003, mid-9.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-4 ta' Settembru, il-Kunċizzjoni, Marina, il-Maċina, San Ġużepp, il-Ħabs l-Antik, iż-Żewġ Mini, F. Zahra, Misraħ il-Vitorja u Pjazza l-Papa Benedettu.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Settembru, 2003, mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Papa Benedettu, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, San Ġiljan, il-Vitorja, Pjazza F. Zahra, is-Sur, San Ġużepp u l-Maċina.

Il-vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fit-toroq indikati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija. Vetturi pparkjati huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-26 ta' Awissu, 2003

On Saturday, 6th September, 2003 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza l-4 ta' Settembru, San Ġiljan, il-Kurċifiss, San Lawrenz, Pjazza l-Papa Benedettu, Pjazza Mitrovich, iż-Żewġ Mini, Pjazza F. Zahra and il-Vitorja.

On Sunday, 7th September, 2003, from 9.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza l-4 ta' Settembru, il-Kunċizzjoni, Marina, il-Maċina, San Ġużepp, il-Ħabs l-Antik, iż-Żewġ Mini, F. Zahra, Misraħ il-Vitorja and Pjazza l-Papa Benedettu.

On Monday, 8th September, 2003, from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Papa Benedettu, l-Arċisqof Mattei, iż-Żewġ Mini, San Ġiljan, il-Vitorja, Pjazza F. Zahra, is-Sur, San Ġużepp and il-Maċina.

Vehicles are not allowed to be parked on the dates and times at the indicated streets. Vehicles parked are subject to towing.

26th August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-AGRIKOLTURA

Ħsad ta' l-Għeneb għall-Produzzjoni ta' l-Inbid

Ordni Nru. 2

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bil-paragrafu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att Nru. XXII ta' l-2001, id-Direttur ta' l-Agrikoltura stabbilixxa illi d-data tal-ħsad ta' l-għeneb ta' varjetajiet tradizzjonali lokali għall-produzzjoni ta' l-inbid matul l-istaġun ta' l-għasir 2003 jibda nhar it-Tnejn, is-26 ta' Awissu, 2003 għall-għeneb iswed u għall-għeneb abjad.

Is-26 ta' Awissu, 2003

DEPARTMENT OF AGRICULTURE

Harvesting of Grapes for Wine Production

Order No. 2

It is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred on him by paragraph (1) of section 21 of Act No. XXII of 2001, the Director of Agriculture has established that the harvesting of the traditional local grape crop for the production of wine during the vintage season 2003 starts as from Monday, 25th August, 2003, with respect to red grapes and white grapes.

26th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior House Officer* fil-Psikjatrija għandu salarju ta' Lm5,903 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,157.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Department of Psychiatry in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Department of Psychiatry in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Department of Psychiatry carries a salary of Lm5,903 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,157.

3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perijodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti, bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla' salarju ta' Lm6,284 x Lm228 - Lm7,652 fis-sena (skala ta' salarju Nru. 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali tal-programm bażiku ta' taħriġ psikjatriku fid-Dipartiment tal-Psikjatrija u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Psikjatrija. Il-persuna nominata hi mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Il-persuna nominata trid tkun kapaċi tagħmel eżami fiżiku u psikjatriku lill-pazjenti, tittrattahom u tibqa' ssegwihom skond il-livell ta' l-esperjenza tagħha. Hi tkun imqabbda li tissorvelja l-i*staff* mediku ta' livell inqas minnha u li taħdem id f'id ma' membri oħra ta' *multidisciplinary team*. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fi programmi ta' taħriġ *in-service* organizzati mid-Dipartiment tal-Psikjatrija.

7.2. Il-persuna nominata tkun il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat.

7.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-psikjatrija li

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in access of forty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis on a salary of Lm6,284 x Lm228 - Lm7,652 per annum (salary scale No. 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Department of Psychiatry in the Health Division.

7.1. The post of Senior House Officer forms an integral part of the basic psychiatric programme of the Department of Psychiatry and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Psychiatry. The appointee is expected to continue with the duties of a House Officer but at a higher level of responsibility. The appointee should be able to carry out physical and psychiatric examination, treatment and monitoring of patients according to level of experience. He/she will be delegated to supervise junior medical staff and to liaise with other multidisciplinary team members. He/she will be required to participate in in-service training programmes organised by the Department of Psychiatry.

7.2. The appointee will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients.

7.3. The appointee will be required to rotate within the various psychiatric specialities in a structured training

jkunu determinati mid-Direttur tal-Psikjatrija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ bażiku psikjatriku tas-*Senior House Officer* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun meħtieġa li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi tad-Dipartiment tal-Psikjatrija. It-taħriġ kontinwu tagħha jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha mingħand kumitat kompost mid-Direttur tal-Psikjatrija u żewġ Konsulenti. Waqt dan il-kuntratt il-persuna nominata trid tkun f'qagħda li tista' toqgħod għall-eżami tal-M.R.C. Psych. jew għal kwalifika ekwivalenti approvata. Iżda aktar taħriġ f'dan il-livell jkun jiddependi mill-esiġenzi tas-Servizz.

8. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu cittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji.

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *continued Medical Education* u ta' riċerka.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti originali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8(b) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru, 2003. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

11. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

12. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloands.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

programme to be determined by the Director of Psychiatry and which will take into account both the Senior House Officer's basic psychiatry training requirements as well as the exigencies of the service. He/she will be required to participate in the academic activities of the Department of Psychiatry. His/her continued training will depend on the satisfactory reports from a Committee composed of the Director of the Department of Psychiatry and two other Consultants. During his/her contract, the appointee should be in a position to sit for M.R.C. Psych. Examination, or an approved equivalent qualification. Further training will however depend on the exigencies of the Service.

8. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

8.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of continued Medical Education as well as research.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(b) above provided they produce evidence that they would qualify for such a licence by 15th October, 2003. If selected such candidates must obtain the said licence before appointment.

11. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloands.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

14. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Settembru, 2003.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Awissu, 2003

14. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 26th September, 2003.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +35 6- 21 242 884.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

26th August, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Reġistratur fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' Reġistratur fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' Reġistratur fid-Dipartiment tal-Mediċina għandu salarju ta' Lm6,688 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,224.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Department of Medicine in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Medicine in the Health Division.

2. The post of Registrar in the Department of Medicine carries a salary of Lm6,688 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,224.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirement as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħmel parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment.

5.2. Il-post ta' Reġistratur jifforma parti integrali tal-programm ta' taħriġ mediku fid-Dipartiment tal-Mediċina u huwa adattat għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Mediċina. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-mediċina li jkunu determinati miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ tar-Reġistratur fil-Mediċina, kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi mistennija li tieħu parti fl-attivatijiet akkademiċi u ta' taħriġ u f'laqgħat tad-Dipartiment tal-Mediċina.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' mediċina aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila tagħha fil-Mediċina. Hija tkun responsabbli direttament lejn il-konsulent inkarigat mill-pazjenti. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenin tal-post huma kif ġej:

a) tieħu sehem billi kuljum tipprovdi l-kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għal-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-*inpatients* fl-Isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi thoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent;

b) attendenza għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha skond kif meħtieġ;

ċ) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *pleural aspiration, paracentesis, lumbar puncture* u *bone marrow aspirations*);

d) attendenza għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ;

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee forms part of the Department of Medicine and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department.

5.2. The post of Registrar forms an integral part of the medical training programme of the Department of Medicine and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Medicine. The appointee will be required to rotate within the various medical specialities as determined by the Chairman of Medicine in a way which will take into account both the Registrar's medical training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in teaching and academic activities and meetings of the Department of Medicine.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated medical problems and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients. The principal duties and responsibilities of the post are as follows:

a) participation in the day to day provision of routine and emergency medical care at a level appropriate to the grade for in-patients at St. Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant;

b) attending and undertaking ward rounds as required;

c) undertaking procedures (such as pleural aspiration, paracentesis, lumbar puncture, bone marrow aspirations) as necessary;

d) attending outpatient clinics as required;

e) arranġamenti għad-dħul fl-isptar u tħejjija ta' *discharge summaries* u ta' kull korrispondenza mal-*General Practioners*, kif xieraq;

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti;

ġ) assigurazzjoni li r-*records* tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

ħ) superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina u li jkunu qed jaħdmu mad-ditta, skond kif ikun xieraq;

i) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

j) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

k) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

l) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent;

m) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi meħtieġa f'każi ta' *acute medical emergencies*.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika ekwivalenti approvata) u sentejn wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fil-*General Medicine*;

e) arranging admissions and the preparation of discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate;

f) liaison with patients' relatives;

g) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

h) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate;

i) providing resident on-call services as required;

j) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

k) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

l) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care;

m) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.4. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary therapeutic procedures in acute medical emergencies.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or an approved equivalent qualification) and have two years postregistration experience in General Medicine;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Settembru, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data tal-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-26 ta' Awissu, 2003

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 26th September, 2003.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Health, within seven (7) days.

26th August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi ta' *Lecturing Staff*

L-Istitut ta' l-Agribusiness ta' l-MCAST se jibda jaħdem f'Settembru/Ottubru. L-MCAST teħtieġ, f'Malta u/jew f'Għawdex, kemm *full-time* kif ukoll *part-time lecturing staff* li jistgħu jagħtu kontribut f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:–

Prinċipji tax-Xjenza dwar l-Annimali
Prinċipji tax-Xjenza dwar Pjanti u Ħamrija
Kura ta' Bhejjem u Annimali
Ħxejjex u Ortikultura
Ilma u l-Ambjent
Sostenibbli *Farming*
Agribusiness
Prinċpji ta' Makkinarju u *Workshop Skills*

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Studenti li ggradwaw fl-2003 huma mħeġġin japplikaw.

Jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

Is-26 ta' Awissu, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies of Lecturing Staff

The MCAST Agribusiness Institute will commence operations this September/October. MCAST is seeking to appoint, in Malta and/or Gozo, both full-time and part-time lecturing staff who are able to contribute in one or more of the following areas:–

Principles of Animal Science
Principles of Plant and Soil Science
Livestock and Animal Care
Crops and Horticulture
Water and the Environment
Sustainable Farming
Agribusiness
Principles of Machinery and Workshop Skills

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Students graduating in 2003 are encouraged to apply.

Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Friday, 5th September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

26th August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi ta' *Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jimpjega *full-time lecturing staff* biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin:–

Edukazzjoni u Żvilupp tat-Tfal
Elettronika (Malta u Għawdex)
Panel Beating
Sengħa tal-ġebel
Telekomunikazzjoni (Malta u Għawdex)

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies of Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff to teach the following subjects:–

Child Education and Development
Electronics (Malta and Gozo)
Panel Beating
Stonecraft
Telecommunications (Malta and Gozo)

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*.

Jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

Is-26 ta' Awissu, 2003

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis.

Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Friday, 5th September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

26th August, 2003

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

EU Fellowships in Paris 2004

The Institute for Security Studies in Paris is offering fellowships to young researchers from European countries, who have obtained or are about to obtain a Doctorate.

The period of study is of two months in 2004. Visiting fellows are expected to do research on a topic related to CFSP (Common Foreign and Security Policy) and ESDP (European Security and Defence Policy), and to prepare a paper as a contribution to the Institute's work.

Further information is available from the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or the Ministry's Website (www.foreign.gov.mt/news/scholarships), or the Institute's Website: www.iss-eu.org.

Applications should reach the Institute by 20th October 2003. C.V. and research programme may be submitted by email to s.deveze@iss-eu.org.

Further information about the Visiting Fellow Programme may be obtained from Sylvie Deveze

Institute for Security Studies
43 Avenue du President Wilson
75775 Paris cedex 16
France

Tel: +33 (0) 1 56 89 19 30
Fax: +33 (0) 1 56 89 19 31
e-mail: institute@iss-eu.org
http: www.iss-eu.org

26th August, 2003

